# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR.  JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru: 63/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Alex Vella (K.I. 485092(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-ammont ta' elfejn, mija u ħamsa u ħamsin Ewro u tlettax il-ċenteżmu (€2,155.13c) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż, inkluż affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[2];

Ra n-nota konġunta tal-avukat tal-partijiet fejn kien intalab lit-terminu għar-risposta jiġi sospiż fid-dawl ta' possibilità ta' transazzjoni[3];

Ra li din it-transazzjoni qatt ma seħħet u li għalhekk it-Tribunal ikkonċeda terminu ta tmintax il-jum għar-risposta[4];

Ra lil-konvenut naqas milli jippreżenta d-difiża tiegħu[5];

Sema' x-xhieda ta' Leanne Farrugia[6];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tad-difensur tas-soċjetá attriċi[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut naqas milli jkun b'xi mod attiv f'dawn il-proċeduri. Għalkemm ingħata kull jedd, anke wara diversi differimenti, sabiex iressaq id-difiża tiegħu huwa baqa ommissiv. Tassew, apparti nota konġunta sabiex jingħata żmien minħabba possibilità ta' transazzjoni, l-konvenut ma għamel xejn f'dawn il-proċeduri u lanqas irreġistra dehra unika.

---

[2] Dokumenti huma mmarkati bħala Dok X1 u X2.
[3] Nota relattiva tinsab a fol 13 tal-proċess.
[4] Ara verbal a fol 18 tal-proċess.
[5] Seduta tat-22 ta' April 2022. Verbal relattiv jinsab a fol 22 tal-proċess.
[6] Magħmula fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 24 tal-proċess.
[7] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta hekk kif ordnat fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022.

Illi mill-eżami tal-provi prodotti mis-soċjetá attriċi jirriżulta ċar li l-ammont mitlub huwa fil-fatt dovut u għalhekk t-talba kif mitluba sejra tintlaqá. Jifdal biss il-kwistjoni tal-imgħax, li kienet il-pern tat-trattazzjoni tas-soċjetá attriċi fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022.

Illi t-Tribunal huwa konxju li teżisti diverġenza fil-każistika dwar tali aspett u dan ukoll fir-rigward ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tas-soċjetá attriċi stess[8]. Għal dan it-Tribunal iqis li n-natura tad-debitu hawn mitlub għandu minnu element qawwi t'obbligazzjoni kummerċjali. Dan jingħad prinċipalment minħabba dak li jrid l-artikolu 5(e) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li l-att li minnu oriġina dan id-debitu kien wieħed li jista jissejjaħ att ta' kummerċ magħmula minn entitá kummerċjali fl-operat normali tagħha.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn, mija u ħamsa u ħamsin Ewro u tlettax il-ċenteżmu (€2,155.13c) bl-imgħax legali mil-1 ta' Mejju 2019[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[8] Hekk per eżempju issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vodafone Malta Ltd vs Jeffrey Vella,** (Tlb Nru: 107/2018) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar it-22 ta' Mejju 2018 u dik fl-ismijiet **Vodafone Malta Ltd vs Adam Callus,** (Tlb Nru: 315/2019) mogħtija minn dan it-Tribunal fit-22 ta' Frar 2021.

[9] Data tal-aħħar fattura kif indikat fir-rendikont li jinsab a fol 4 tal-proċess. Għalhekk huwa l-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.